**Koalizzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija**
e nahlamaltija@gmail.com | w facebook.com/NahlaMaltija

31 ta' Jannar 2023
Referenza 23-1

KONSULTAZZJONI PUBBLIKA
DWAR L-ISTRATEĠIJA TA' MALTA GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI GĦALL-2050

B'referenza għall-konsultazzjoni pubblika imsemmija hawn fuq, bħala organizzazzjoni li qed naħdmu favur il-konservazzjoni tan-Naħla Maltija (*Apis mellifera ruttneri*) nixtiequ nżidu l-kummenti tagħna dwar l-istrateġija proposta. Il-kummenti tagħna sa jkunu biss dwar tnejn mill-objettivi li jaqaw taħt **L-Għan Strateġiku 1** li hu dwar it-**Transizzjoni lejn Klima Newtrali, Ekonomija Ħadra u Blu**.

Objettiv Strateġiku 1: Lejn Reżiljenti u Ekonomija Klima-Newtrali

Il-bidliet fil-klima jaffettwaw bil-kbir lin-naħal tal-għasel u l-apikultura. L-effetti huma diversi, uħud diretti, oħrajn iktar sottili.

Żieda fit-temp estrem, speċjalment sħana, iwassal biex in-naħal iżid fil-metaboliżmu tiegħu sabiex jikkontrolla aħjar it-temperatura tiegħu nnifsu u tad-duqqajs ('brood') fil-kaxxa ('beehive'). L-ilma huwa element important ħafna f'dan ir-rigward, u fin-nuqqas tiegħu sforz iż-żieda fis-sħana, in-naħal ikun jeħtieġilhom ifittxu iktar 'il bogħod għal sorsa t'ilma ħelu, jaħlu iktar enerġija, li fil-proċess tagħmilhom iktar suxxetibli għal mard għaliex ma jkunux fl-iktar stat b'saħħtu.

B'mod dirett it-tibdil fil-klima qed iwassal għal telf t'abitat li fuqu jirgħa n-naħal, speċjalment f'ċirkustanzi fejn in-nirien isiru iktar frekwenti meta togħla t-temperatura. Ta' min isemmi wkoll li anke l-ammont ta' trab tad-dakra ('pollen') u l-kwalità tan-nektar, dik is-sustanza ħelwa li n-naħal u insetti oħra jkunu qed ifittxu fil-fjuri, jaf tkun inferjuri u f'volumi inqas f'temp aħrax. Tibdiliet fit-tip ta' flora li tkun kapaċi tgħix fi klima eħrex huma wkoll mistennija.

Bidla ewlenija oħra hija n-nuqqas ta' sinkronizazzjoni bejn in-naħal u ż-żmien meta iwarrad il-fjuri. In-naħal lokali sforz mekkaniżmi evoluzzjonarji adatta ċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu mal-bidliet li jġibu magħhom l-istaġuni. Imma it-tibdil fil-klima qed iwassal biex iċ-ċikli tal-flora li ilhom stabbli għal għexieren ta' snin qed jitbiddlu f'temp qasir ħafna. Lokalment din diġa qiegħda tiġri. T'importanza għas-settur apikulturali Malti hu s-sagħtar (*Thymbra capitata*) li nsibu fix-xagħri Malti. Fejn fil-passat is-sagħtar kien iwarrad lejn l-aħħar ta' Ġunju bidu ta' Lulju bit-tradizzjoni kienet li jinħasad l-għasel nhar is-26 ta' Lulju fil-festa ta' Sant'Anna, fis-snin riċenti dan warrad lejn l-aħħar ta' Mejju bidu ta' Ġunju. B'mod dirett dan qed ifisser li n-naħal f'Malta qed jgħaddi xahar ieħor mingħajr ikel qabel iż-żmien li jmiss fejn ikun jista' jerġa jirgħa fuq fjuri b'mod sinjifikanti. Ġeneralment dan ikun iktar tard fis-sena, lejn l-aħħar tas-sajf bidu tal-ħarifa, meta l-Ewkaliptus (*Eucalptyus sp.*) u iktar tard il-Ħarrub (*Ceratonia siliqua*) jagħmlu l-fjuri.

Għalkemm hu diffiċli ferm li tbassar bl-eżatt x'ser ikunu l-effetti, punt importanti ieħor hu l-bidla fil-qilla ta' mard stabbilit u inċidenza ta' mard jew pesti ġodda sforz ċirkusatanzi klimatiċi ġodda. Mhux l-ewwel darba li mard ġie mxerred minn tip ta' naħal għal ieħor, bl-iktar każ famuż ikun dak tal-Varroa, bil-ħafna konsegwenzi negattivi li din ġabet magħha għal apikultura internazzjonali. F'dinja fejn it-tibdil fil-klima jaf iwassal għal naħal li fil-passat kienu iżolati, eqreb jew f'kuntatt ma' xulxin, dan ix-xenarju hu probabli ħafna. Fost il-possibli tibdiliet nistgħu insemmu; (i) Żieda fiċ-'chalkbrood disease' li hu kkawżat minn (*Ascosphera apis*) minħabba żieda fl-umdita, (ii) Żieda fil-każijiet ta' Nosema ceranae, sforz iż-żieda fit-temperatura, (iii) Il-'European foulbrood' (ikkawżata mill-*Melissococcus plutonius*) issir iktar letali fin-nuqqas ta' trab tad-dakra, u (iv) Emerġenza ta' 'viruses' qattiela ġodda.

Ħjiel ta' dawn it-tibdiliet diġà nistgħu narawh lokalment fiż-żieda qawwija fil-Bagħal taż-Żunżan (*Vespa orientalis*). Żgur li t-tibdil fil-klima qed jgħin sabiex dan l-insett pesti jitkattar bil-kbir. It-tibdil fil-klima hu mistenni jaffettwa b'mod dirett ukoll is-settur tal-agrikoltura. Għaldaqstant hu previst li l-użu tal-pestiċidi jiżdied bil-kbir ukoll biex jilqa' aħjar għal mard agrikolu ġdid. Dan

ser iħalli effetti negattivi fuq is-saħħa tan-naħal u dakkara oħra, li f'kombinazzjoni ma' effetti oħrajn li ssemmew, jaf ikunu iktar letali.

Theddida ikbar għan-Naħla Maltija huwa t-taħlit ġenetiku ma' naħal impurtat meqjus iktar kummerċjali ('genetic pollution'). Dan b'mod dirett iwassal biex karatteristiċi li żviluppat in-Naħla Maltija sabiex tgħix fl-abitat Malti, u fil-proċess għamlitha l-iktar naħla tal-għasel adattata u reżiljenti għal dawn il-gżejjer, jibdew jintilfu minħabba dan it-taħlit. Ħafna min-naħħala stess osservaw b'mod dirett bidla fin-naħal tagħhom minn lewn iswed (il-propju kulur tan-Naħla Maltija) għal isfar, xhieda ta' dan it-taħlit, li hu ferm inkwetanti.

Sfortunatament, dawn il-fatturi imsemmija (fatturi ambjentali u klimatiċi, mard ġdid u nuqqas ta' ġenetika adattata) kollha jinteraġixxu ma' xulxin u jħallu effetti letali fuq in-naħal.

L-apikultura tiddependi b'mod dirett fuq il-klima. Xhieda ta' dan hu l-fatt li s'issa, din is-sena kkumparat ma' snin imgħoddija, b'mod ġenerali rajna iktar produzzjoni t'għasel. Dan hu effett dirett tax-xita li għamlet fuq il-gżejjer Maltin dawn l-aħħar xhur.

Però l-istorja ma tieqafx mal-klima biss. Hu fatt imsejjes fuq riċerka li l-aqwa naħal tal-għasel għal kull reġjun partikolari hu dak nativ, ċoe li ilu stabbilit għal għexieren ta' snin, u mhux dak impurtat. U anke fil-kuntest ta' tibdil fil-klima, hu dan in-naħal nativ li għandu l-għodod u d-diversità neċessarja sabiex jadatta għal dan it-tibdili fil-klima.

Il-gżejjer Maltin huma mogħnija bin-naħal endemiku tagħna, in-Naħla Maltija (*A. m. ruttneri*). Jeħtieg li llum qabel għada nħallu d-differenzi li jifirduna warajna u naħdmu bis-sħieh flimkien sabiex nipproteġu n-naħla lokali tagħna, jekk irridu li l-apikultura f'Malta u Għawdex jibqgħu jitħaddmu b'mod sostenibbli fis-snin li ġejjin!

## Objettiv Strateġiku 3: Ħarsien, Konservazzjoni u Titjib tal-Kapital Naturali biex Ittejjeb ir-Reżiljenza Ekoloġika u Sostenibbiltà

Fid-dokument datat 2002 bit-titlu *"Guidelines on Trees, Shrubs and Plants for Planting and Landscaping in the Maltese Islands*" li kien ippublikat mill-Environmental Management Unit tal-Planning Directorate jagħmel referenza għall-konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti rigward l-Ambjent u l-Iżvilupp liema konferenza kienet saret f' Rio de Janeiro f'1992, jiġifieri 30 sena ilu. Kif jgħid l-istess dokument, diġà kien hemm rikonoxximent li ġenetika ta' speċi lokali għandha tiġi salvagwardjata, id-dokument speċifikament jgħid hekk "*nowadays internationally recognised that intra-specific (within-species) variation is a fundamental component of biodiversity, which needs to be safeguarded*".

F'dan ir-rigward, l-ispeċi tan-Naħla tal-Għasel (*Apis mellifera*) hi indiġena għal Malta peress li ma tinsabx f'Malta biss. Filwaqt li sottospeċi (razza) tan-Naħla Maltija tal-Għasel (*Apis mellifera ruttneri*) tinsab f'Malta biss u allura hi endemika għall-arċipelagu Malti. Għalkemm in-Naħla tal-Għasel hi protetta bil-liġi, din l-istess liġi mhux qed tagħti protezzjoni olistika għax il-ġenetika tas-sottospeċi Maltija ma jidhirx li hi protetta. Biex il-ġenetika tan-naħla Maltija tkun protetta minn kontaminazzjoni ta' naħal ieħor tal-istess speċi imma ta' razez differenti, hemm bżonn li ma jkunx permess l-importazzjoni ta' naħal ieħor tal-għasel minn barra il-pajjiż. Peress li n-naħal jitgħammar fuq barra mingħajr distinzjoni bejn sottospeċi differenti, dan qiegħed iniġġes il-ġenetika tan-naħla Maltija (ibridizzazzjoni) li kienet iżolata għal għexieren ta' snin. Konsegwentement, b'mod indirett in-naħla Maltija qed tinqered għax ftit ftit qed titlef il-karatteristiċi 'Maltin' sforz dan it-taħlit u allura l-adattament li kellha biex tgħix f'abitati u klima lokali.

Il-kunċett evoluzzjonarju tas-sopravivenza tal-aktar tajbin (*survival of the fittest*) qed jiġi imfixkel bil-kbir għad-detriment tas-sottospeci li tifforma parti mill-patrimonju naturali Malti, kif ukoll għas-settur apikulturali lokali. Apparti li meta speċi tifforma sottospeci tkun qed tiżdied il-bijodiversita u din hi potenzjalment l-ewwel tarġa fil-ħolqien ta' speċi ġdida. Ewlieni għal dan

il-proċess ta' taħlit hu l-importazzjoni ta' naħal barrani, li tefa lil dis-sottospeci unika għal pajjiżna f'xifer ta' estinzjoni. Fil-kuntest ukoll tat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tas-sottospeci lokali hi ukoll importanti ferm. Il-potenzjal t'addament għal klima iktar ħarxa fil-futur qarib qiegħda biss fil-konservazzjoni tas-sottospeci endemika. L-importanza tal-konservazzjoni tan-naħla l-lokali u t-trobbija tagħha hu vantaġġuż u ta' importanza. Fiha innifisha s-sottospeċi Maltija għandha valur intrinsiku sforz l-endemiċita tagħha. Għal apikultura sostenibbli fil-ġejjieni, jeħtieġ li din is-sottospeċi tkun kkonservata.

B'dispjaċir ninnotaw li fid-dokument li suppost hu *avant-garde* u qed ifassal strateġiji nazzjonali għall-ambjent sa sena 2050, lanqas biss qed jagħmel referenza għall-konservazzjoni tal-ġenetika ta' kull speċi lokali (endemika jew indiġena) li suppost ġa ilna naħdmu fuqha għal-30 sena. Infakkru l-konklużjonijiet tal-konvenzjoni ta' Rio fuq il-bijodiversità ġa jagħmlu parti mill-ligijiet ta' Malta. Għaldaqstant nistennew li kull speċi li hawn ekotipi lokali, kemm jekk fawna kif ukoll jekk flora, ma għandux jkun permess l-importazzjoni tal-ekwivalenti minn barra, mhux biss biex nevitaw il-kontaminazzjoni tal-ġenetika lokali li tnaqqas mir-reżiljenza tal-ispeċi imma wkoll biex nevitaw li nintroduċu mard u pesti ġodda b'mod aċċidentali. Nistennew wkoll li meta nkunu firmatarji ta' wegħdiet naraw li xogħol jitwettaq għax jekk le tnaqqas il-kredibbiltà tal-istess awtorità u allura din l-istrateġija tispiċċa biss bla skop u tibqa fuq il-karta biss.

Tislijiet,
Koalizzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija